



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

**2013/0120B(NLE)**

6.2.2014

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Indoneżja, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mad-dħul mill-ġdid  
(11313/2013 – C7-0356/2013 – 2013/0120B(NLE))

Rapporteur għal opinjoni: Emilio Menéndez del Valle

PA\_Legapp

PE526.352v02-00

2/4

AD\1018413MT.doc

**MT**

## ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

L-inklużjoni tal-kwistjonijiet ta' riammissjoni fil-Ftehim Qafas mal-Indoneżja hi f'konforma mar-rakkomandazzjoni mill-evalwazzjoni tal-ftehimiet ta' riammissjoni tal-UE fl-2011. L-Artikolu 34(4) tal-Ftehim Qafas jirreferi għal iktar negozjati sabiex jiġi konkuż ftehim ta' riammissjoni b'obbligli speċifiċi għall-Partijiet. Tali negozjati sejkopru ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi wkoll.

Ir-rapporteur iqis li l-inklużjoni ta' kwistjonijiet ta' riammissjoni fil-Ftehim Qafas mal-Indoneżja se tiffaċilita u tipprovd bażi solida għan-negozjati futuri dwar ftehim ta' riammissjoni. Ir-rapporteur jissuġġerixxi li n-negozjati dwar l-obbligli speċifiċi jibdew bla dewmien żejed.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-ftehim futur ta' riammissjoni qed jiġi previst Kumitat Konġunt għar-Riammissjoni (Joint Readmission Committee – JRC). Ir-Rapporteur jissuġġerixxi li l-Parlament għandu jkollu d-dritt li jattendi l-laqgħat tal-JRC bi status ta' osservatur. Barra minn hekk, ir-Rapporteur jissuġġerixxi li r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili wkoll jingħataw aċċess biex isegwu l-laqgħat tal-Kumitat Konġunt għar-Riammissjoni.

Ir-rapporteur jistieden ukoll lill-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew, f'kull stadju, dwar l-eżitu tal-implimentazzjoni tal-ftehimiet, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet. Il-Parlament huwa partikolarment interessat li jkun informat dwar kif is-salvagħwardji tad-drittijiet tal-bniedem ġew regolati u ħadmu biex jipproteġu d-drittijiet fundamentali tal-persuni suġġetti għal riammissjoni. Ir-Rapporteur ifakkuk ukoll li, bħala prinċipju, il-persuni m'għandhomx ikunu suġġetti għal riammissjoni jew ritorn ("refoulement") jekk ikun hemm biża' li dawn jistgħu jiġu suġġetti għal persekuzzjoni, kastigi, trattament inuman jew tortura fil-pajjiż tar-ritorn, f'konformità mal-Konvenzjoni dwar ir-Refuġjati tal-1951 u l-Konvenzjoni kontra t-Tortura tal-1984.

Ir-Rapporteur iqis li l-ftehimiet ta' riammissjoni jistgħu jipprovdu qafas u regoli trasparenti u ġusti għar-ritorn ta' migranti irregolari lura lejn pajjiżhom. L-inklużjoni ta' kwistjonijiet ta' riammissjoni fil-Ftehim Qafas mal-Indoneżja għandha tipprovd impetu u taċċelera l-proċess li jwassal għall-konklużjoni ta' ftehim ta' riammissjoni fil-futur.

Għal dawn ir-raġunijiet u b'dawn ir-rimarki dwar l-implimentazzjoni ta' ftehim speċifiku ta' riammissjoni mal-Indoneżja fil-futur, ir-Rapporteur jipproponi li l-Parlament Ewropew jagħti l-approvazzjoni tiegħi dwar kwistjonijiet relatati mar-riammissjoni fil-Ftehim Qafas ta' Sħubija Komprensiva u Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Indoneżja, jiġifieri l-Artikoli 34(3) u 34(4).

\*\*\*\*\*

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jipproponi li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	6.2.2014
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:
	48 4 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Hiltrud Breyer, Elmar Brok, Jerzy Buzek, Tarja Cronberg, Arnaud Danjean, Mário David, Mark Demesmaeker, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Richard Howitt, Liisa Jaakonsaari, Anneli Jäättänenmäki, Jelko Kacin, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Krzysztof Lisek, Ulrike Lunacek, Marusya Lyubcheva, Willy Meyer, María Muñiz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Raimon Obiols, Ria Oomen-Ruijten, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Pașcu, Bernd Posselt, Hans-Gert Pöttering, Cristian Dan Preda, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Nikolaos Salavrakos, György Schöpflin, Werner Schulz, Sophocles Sophocleous, Geoffrey Van Orden, Nikola Vuljanić, Boris Zala
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Charalampos Angourakis, Reinhard Bütkofer, Véronique De Keyser, Kinga Gál, Antonio López-Istúriz White
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	María Auxiliadora Correa Zamora, Leonidas Donskis, Verónica Lope Fontagné, Marie-Christine Vergiat